VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,565, 29 ta' April, 2016
Taqsima B

A.L. 135 tal-2016

ORDINANZA DWAR IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-KONDOTTA (KAP. 77)

Regolamenti tal-2016 dwar l-Organizzazzjoni u l-Kontenut tal-Iskambju ta' Informazzjoni Estratta mir-Rekords Kriminali bejn Malta u Membri Stati oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni u l-Kontenut tal-Iskambju ta' Informazzjoni Estratta mir-Rekords Kriminali bejn Malta u Stati Membri oħra.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jirregola l-iskambju ta' informazzjoni bejn Malta u Stati Membri oħra, estratta mir-rekords kriminali li jikkonċernaw persuni fiżiċi.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"Awtorità Ċentrali Nazzjonali" tfisser l-Kummissarju tal-Pulizija li permezz tal-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali hu l-awtorità ċentrali maħtura biex tkun responsabbli mir-reġistru nazzjonali tar-rekords kriminali;

"kundanna" tfisser kwalunkwe sentenza finali minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali kontra persuna fiżika rigward reat kriminali, fil-limitu li dawn is-sentenzi jiġu rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tar-rekords kriminali;

"proċedimenti kriminali" tfisser l-istadju qabel il-proċess kriminali, l-istadju tal-proċess nnifsu u l-eżekuzzjoni tal-kundanna;

"rekord kriminali" tfisser ir-reġistru nazzjonali tar-rekords kriminali li fih jiġu rreġistrati l-kundanni skont il-liġi ta' Malta;

"Stat Membru" tfisser xi wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"it-Trattat" għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija lilu bl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea kif imfissra fit-Trattat.

Obbligi tal-Awtorità Ċentrali Nazzjonali meta Malta hi l-Istat Membru li jikkundanna.

3. (1) L-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiżgura li l-kundanni kollha mogħtija fit-territorju Malti jkunu akkumpanjati, meta provduti għar-rekord kriminali tagħha, minn informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza jew iċ-ċittadinanzi tal-persuna kkundannata jekk din tkun ċittadin ta' Stat Membru ieħor.

(2) L-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha, kemm jista' jkun malajr, tinforma lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe kundanna mogħtija fit-territorju Malti kontra ċ-ċittadini ta' Stati Membri l-oħra, kif reġistrati fir-rekord kriminali:

Iżda meta jkun magħruf li persuna kundannata tkun ċittadin ta' diversi Stati Membri, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tikkomunika l-informazzjoni rilevanti lil dawn l-Istati Membri kollha, ukoll jekk il-persuna kundannata tkun ċittadin Malti.

(3) L-informazzjoni dwar it-tibdil jew tħassir sussegwenti ta' informazzjoni li tkun tinsab fir-rekords kriminali għandha tiġi kkomunikata minnufih mill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna.

(4) L-Awtorità Ċentrali Nazzjonali li tkun provdiet informazzjoni skont is-subregolamenti (2) u (3) għandha tikkomunika lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna, fuq it-talba ta' din tal-aħħar f'każijiet individwali, kopja tal-kundanni u l-miżuri sussegwenti kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti sabiex din tkun tista' tikkunsidra jekk dawn jirrikjedux xi miżura fuq livell nazzjonali.

Obbligi tal-Awtorità Ċentrali Nazzjonali.

4. (1) Kwalunkwe informazzjoni kkomunikata mill-awtoritajiet ċentrali ta' Stati Membri oħra dwar kundanni mogħtija fit-territorju tagħhom kontra ċittadini Maltin għandha tinżamm mill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali skont ir-regolament 9(2).

(2) Kwalunkwe tibdil jew tħassir ta' informazzjoni kkomunikata mill-awtoritajiet ċentrali ta' Stati Membri oħra lill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandu jinvolvi l-istess tibdil jew tħassir mill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali fir-rigward ta' informazzjoni miżmuma skont is-subregolament (1) għall-fini ta' trasmissjoni mill-ġdid.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Għall-fini ta' transmissjoni mill-ġdid, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali tista' tuża biss l-informazzjoni li ġiet aġġornata skont is-subregolament (2).

Talba għal informazzjoni dwar kundanni.

5. (1) Meta tintalab informazzjoni mir-rekord kriminali ta' Stat Membru bil-għan li jittieħdu proċedimenti kriminali kontra persuna jew għal kwalunkwe għan ieħor ħlief għal dak ta' proċedimenti kriminali, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali tista', skont il-liġi ta' Malta, tissottometti talba lill-awtorità ċentrali ta' Stat Membru ieħor biex l-informazzjoni u d-*data* relatata jiġu estratti mir-rekord kriminali.

(2) Meta persuna titlob informazzjoni dwar ir-rekord kriminali tagħha stess, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali tista', skont dawn ir-regolamenti, tissottometti talba lill-awtorità ċentrali ta' Stat Membru ieħor għal informazzjoni u *data* relatata li għandhom jiġu estratti mir-rekord kriminali, sakemm il-persuna kkonċernata hi jew kienet resident jew ċittadin ta' Malta jew tal-Istat Membru rikjest.:

Iżda jekk l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali hija l-Istat Membru rikjest, din għandha tikkomunika t-tweġiba tagħha fi żmien għoxrin ġurnata ta' xogħol mid-data tal-wasla tat-talba.

(3) Kull meta ċittadin mhux Malti jitlob lill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għall-informazzjoni dwar ir-rekord kriminali tiegħu stess, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tissottometti talba lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna biex tiġi estratta informazzjoni u *data* relatata mir-rekord kriminali sabiex hija tkun tista' tinkludi tali informazzjoni u *data* relatata fl-estratt li jiġi provdut lill-persuna kkonċernata.

(4) It-talbiet kollha għal informazzjoni jew *data* relevanti għandhom jiġu sottomessi bl-użu tal-formola stabbilita fl-Iskeda I.

Obbligi tal-Awtorità Ċentrali Nazzjonali meta tirrispondi għat-talbiet ta' informazzjoni dwar kundanni.

6. (1) Meta informazzjoni estratta mir-rekord kriminali ta' ċittadin Malti tkun mitluba mill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali bil-għan li jittieħdu proċedimenti kriminali, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tikkomunika lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru rikjedenti l-informazzjoni, dwar:

(a) kundanni mogħtija fit-territorju Malti u reġistrati fir-rekord kriminali;

(b) kwalunkwe kundanni mogħtija fi Stati Membri oħra li ġew ikkomunikati lill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali u reġistrati fir-rekord kriminali;

(ċ) kwalunkwe kundanni mogħtija f'pajjiżi terzi u

VERŻJONI ELETTRONIKA

sussegwentament ikkomunikati lill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali u reġistrati fir-rekord kriminali.

(2) Meta informazzjoni estratta mir-rekord kriminali ta' ċittadin Malti tkun mitluba mill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għal kwalunkwe għan ieħor ħlief dak tal-proċediment kriminali, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha fir-rigward ta' kundanni mogħtija fit-territorju tagħha u ta' kundanni mogħtija f'pajjiżi terzi, li ġew sussegwentement ikkomumikati lilha u reġistrati fir-rekords kriminali, twieġeb skont il-liġi ta' Malta:

Iżda fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni dwar ċittadin Malti rigward kundanni mogħtija fi Stat Membru ieħor, li ġew ikkomunikati lill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali, din tal-aħħar għandha, skont il-liġi ta' Malta, tikkomunika lill-Istat Membru rikjedenti l-informazzjoni li ġiet miżmuma skont ir-regolament 9(2) kif ukoll l-informazzjoni li ġiet ikkomunikata lilha u reġistrata fir-rekord kriminali tagħha:

Iżda wkoll, meta tikkomunika l-informazzjoni skont ir-regolament 3, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali tista' tinforma lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna li l-informazzjoni dwar il-kundanni mogħtija f'Malta u kkomunikata lil din l-awtorità ċentrali ma tistax tiġi ikkomunikata mill-ġdid għal ebda għan ħlief għal dak ta' proċedimenti kriminali:

Iżda wkoll, meta l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru l-ieħor tikkomunika informazzjoni fuq ċittadini Maltin rigward kundanni mogħtija fi Stat Membru ieħor, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali ma tistax tikkomunika mill-ġdid l-informazzjoni jekk l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru l-ieħor tinforma lil din tal-ewwel li l-informazzjoni ma tistax tiġi kkomunikata mill-ġdid għal ebda għan ħlief għal dak ta' proċedimenti kriminali. F'dan il-każ, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha, fir-rigward ta' tali kundanni, tinforma lill-Istat Membru rikjedenti liema Stat Membru ieħor kien ikkomunika t-tali informazzjoni sabiex l-Istat Membru rikjedenti jkun jista' jissottometti direttament it-talba lill-Istat Membru li ikkundanna sabiex jikseb informazzjoni dwar it-tali kundanni.

(3) Meta informazzjoni minn pajjiż terz tintalab mir-rekord kriminali ta' ċittadin Malti, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali tista' twieġeb rigward il-kundanni kkomunikati minn Stat Membru ieħor biss fil-limitazzjonijiet applikabbli għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni lil Stati Membri oħrajn skont sub-regolamenti (1) u (2).

(4) Meta informazzjoni estratta minn rekord kriminali ta' ċittadin mhux Malti tkun mitluba, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandha tikkomunika informazzjoni dwar kundanni mogħtija f'Malta u dwar kundanni mogħtija kontra ċittadini ta' pajjiż terz u kontra persuni bla stat li tinsab fir-rekord kriminali tiegħu fl-istess limitu kif previst fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali.

(5) Ir-risposta għandha ssir bl-użu tal-formola stabbilita fl-Iskeda II. Din għandha tkun akkumpanjata b'lista ta' kundanni, kif previst fil-liġi ta' Malta.

Skadenzi għal tweġibiet u lingwi użati.

7. (1) Meta informazzjoni tigi mitluba mill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali bil-għan li jittieħdu proċedimenti kriminali kontra persuna jew għal kwalunkwe għan ieħor ħlief għal dak ta' proċedimenti kriminali, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tikkomunika t-tweġibiet tagħha b'mod immedjat u fi kwalunkwe każ f'perjodu ta' mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-wasla tat-talba, kif previst mil-liġi ta' Malta, ir-regoli jew il-prattika, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Iskeda II:

Iżda meta l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali tkun teħtieġ aktar informazzjoni biex tidentifika l-persuna involuta fit-talba, din għandha tikkonsulta immedjatament lill-Istat Membru rikjedenti bil-għan li tipprovdi risposta fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-wasla tal-informazzjoni addizzjonali.

(2) L-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tirrispondi għat-talbiet bil-Malti jew bl-Ingliż, jew bi kwalunkwe lingwa oħra aċċettata mill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali u mill-Istat rikjedenti. Meta l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali hi l-Istat rikjedenti, il-lingwa użata għandha tkun il-Malti jew l-Ingliż.

Kondizzjonijiet għall-użu ta' *data* personali.

8. (1) *Data* personali provduta minn awtoritajiet ċentrali ta' Stati Membri oħra tista' tintuża mill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali biss għall-għanijiet tal-proċedimenti kriminali li għalihom ġiet mitluba, kif speċifikat fil-formola stabbilita fl-Iskeda I.

(2) *Data* personali provduta mill-awtoritajiet ċentrali ta' Stati Membri oħra għal kwalunkwe għanijiet għajr dawk tal-proċedimenti kriminali, tista' tintuża mill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali skont il-liġi ta' Malta biss għall-għanijiet li ġiet mitluba għalihom u fil-limitazzjonijiet speċifikati fil-formola stabbilita fl-Iskeda I.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1) u (2), *data* personali provduta mill-awtoritajiet ċentrali ta' Stati Membri oħra tista' tintuża biex tiġi evitata theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika.

(4) L-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tieħu l-miżuri

VERŻJONI ELETTRONIKA

neċessarji biex tiżgura li *data* personali li ġiet irċevuta minn Stat Membru ieħor, jekk ikkomunikata lil pajjiż terz skont ir-regolament 6(3), tkun soġġetta għall-istess limitazzjonijiet ta' użu bħal dawk applikabbli fi Stat Membru rikjedenti skont is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament. L-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tispeċifika li *data* personali, jekk ikkomunikata lil pajjiż terz għall-għanijiet ta' proċedimenti kriminali, tista' tkompli tintuża minn dak il-pajjiż terz biss għall-għanijiet ta' proċedimenti kriminali.

(5) Dan ir-regolament ma japplikax għal *data* personali miksuba minn Stat Membru taħt dawn ir-regolamenti u li toriġina minn dak l-Istat Membru.

Obbligi tal-Awtorità Ċentrali Nazzjonali meta tikkomunika l-informazzjoni.

9. (1) Meta tiġi kkomunikata informazzjoni skont ir-regolament 3(2) u (3), l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tikkomunika l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni li għandha tiġi ikkomunikata dejjem, sakemm, f'każijiet individwali, tali informazzjoni mhijiex magħrufa mill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali (informazzjoni obbligatorja):

(i) informazzjoni dwar il-persuna kkundannata (isem sħiħ, data tat-twelid, post tat-twelid (belt jew Stat), sess, ċittadinanza u - jekk applikabbli - isem/ismijiet preċedenti);

(ii) informazzjoni dwar in-natura tal-kundanna (data tal-kundanna, isem tal-qorti, data li fiha s-sentenza saret finali);

(iii) informazzjoni dwar ir-reat li jwassal għall-kundanna (data tar-reat li jwassal għall-kundanna u l-isem jew il-klassifikazzjoni legali tar-reat kif ukoll bħala referenza għad-dispożizzjonijiet legali applikabbli); u

(iv) informazzjoni dwar il-kontenut tal-kundanna, (b'mod partikolari s-sentenza kif ukoll kwalunkwe pieni supplimentari, miżuri ta' sigurtà u deċiżjonijiet sussegwenti li jimmodifikaw l-infurzar tas-sentenza);

(b) informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata jekk reġistrata fir-rekord kriminali (informazzjoni fakultattiva):

(i) isem il-ġenituri tal-persuna kundannata;

(ii) in-numru ta' referenza tal-kundanna;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iii) il-post tar-reat; u

(iv) l-iskwalifiki li jirriżultaw mill-kundanna;

(ċ) informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata, jekk disponibbli lill-Awtorità Ċentrali Nazzjonali (informazzjoni addizzjonali):

(i) in-numru tal-identità tal-persuna kundannata jew it-tip u n-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni tal-persuna;

(ii) il-marki ta' swaba', li ttieħdu minn dik il-persuna; u

(iii) jekk applikabbli, psewdonimu u, jew isem (ismijiet) xort'oħra:

Iżda l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali tista' tikkomunika kwalunkwe informazzjoni oħra dwar kundanni jekk reġistrati fir-rekord kriminali.

(2) L-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha żżomm l-informazzjoni kollha tat-tipi elenkati fis-subregolament (1)(a) u (b), li hija rċeviet minn awtorijitajiet ċentrali oħra rigward kundanni mogħtija fi Stati Membri oħra imwettqa minn ċittadini Maltin għall-iskop ta' komunikazzjoni mill-ġdid skont ir-regolament 6. Għall-istess skop, l-Awtorità Ċentrali Nazzjonali tista' żżomm l-informazzjoni tat-tipi elenkati fis-subregolament (1)(ċ).

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA I
[Regolamenti 5(4) u 8(1) u (2)]

Talba għall-informazzjoni estratta mir-rekord kriminali

L-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tikkonsulta il-Manwal ta' Proċeduri għal assistenza sabiex tkun tista' timla din il-formola korrettament.

(a) Informazzjoni dwar l-Istat Membru rikjedenti:

Stat Membru:

Awtorità(ijiet) Ċentrali:

Persuna għall-kuntatt:

Telefon (inkluż il-kodiċi STD):

Fax (bil-kodiċi STD):

Indirizz elettroniku:

Indirizz għall-korrispondenza:

Referenza tal-fajl, jekk magħrufa:

(b) Informazzjoni dwar l-identità tal-persuna kkonċernata mit-talba (**):

Isem sħiħ (ismijiet u l-kunjomijiet kollha):

Ismijiet preċedenti:

Psewdonimu u/jew alias, jekk ikun hemm:

Sess: R ☐ M ☐

Ċittadinanza:

Data tat-twelid (f'ċifri: jj/xx/ssss):

Post tat-twelid (belt u stat):

Isem il-missier:

---

* Biex tiġi faċilitata l-identifikazzjoni tal-persuna għandha tingħata informazzjoni kemm jista' jkun.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Isem l-omm:

Residenza jew indirizz magħruf:

In-numru tal-identità tal-persuna jew it-tip u n-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni tal-persuna:

Marki tas-swaba':

Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni disponibbli:

(ċ) L-għan tat-talba:

Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa xierqa

(1) ☐ proċedimenti kriminali (jekk jogħġbok identifika l-awtorità li quddiema huma pendenti l-proċedimenti u, jekk disponibbli, in-numru ta' referenza tal-każ) ... .

(2) ☐ talba barra l-kuntest tal-proċedimenti kriminali (jekk jogħġbok identifika l-awtorità li quddiema huma pendenti l-proċedimenti u, jekk disponibbli, in-numru ta' referenza tal-każ meta timmarka l-kaxxa rilevanti):

(i) ☐ minn awtorità ġudizzjarja .....

(ii) ☐ minn awtorità amministrattiva kompetenti ....

(iii) ☐ minn persuna kkonċernata għal informazzjoni dwar ir-rekord kriminali tagħha stess ....

L-għan li għalih qed tintalab l-informazzjoni:

L-awtorità rikjedenti:

☐ il-persuna kkonċernata ma tagħtix il-kunsens tagħha biex din l-informazzjoni tkun żvelata (jekk il-persuna kkonċernata tiġi mitluba l-kunsens tagħha skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru rikjedenti)

Il-persuna li għandha tiġi kkuntattjata jekk tkun meħtieġa aktar informazzjoni:

Isem:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Telefon:

Indirizz elettroniku:

Informazzjoni oħra (per eżempju: l-urġenza tat-talba):

SKEDA II

[Regolamenti 6(5) u 7(1)]

Tweġiba għat-talba

L-Awtorità Ċentrali Nazzjonali għandha tikkonsulta il-Manwal ta' Proċeduri għal assistenza sabiex tkun tista' timla din il-formola korrettament

Informazzjoni relatata mal-persuna kkonċernata

Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa xierqa

L-awtorità sottoskritta tikkonferma li:

☐ m'hemm l-ebda informazzjoni dwar kundanni fir-rekord kriminali tal-persuna kkonċernata

☐ hemm informazzjoni dwar kundanni reġistrata fir-rekord kriminali tal-persuna kkonċernata; lista' ta' kundanni hija mehmuża

☐ hemm informazzjoni oħra reġistrata fir-rekord kriminali tal-persuna kkonċernata; tali informazzjoni hija mehmuża (fakultattiva)

☐ hemm informazzjoni dwar kundanni reġistrati fir-rekord kriminali tal-persuna kkonċernata iżda l-Istat Membru li jikkundana informa li l-informazzjoni dwar dawn il-kundanni ma jistgħux jiġu ikkomunikati mill-ġdid għal kwalunkwe għan ieħor ħlief għal dak ta' proċedimenti kriminali. It-talba għal aktar informazzjoni tista' tintbagħat direttament lil ..... jekk jogħġbok indika l-Istat Membru li jikkundanna);

☐ skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest, talbiet li jsiru għal kwalunkwe għanijiet oħra ħlief għal dak ta' proċediment kriminali ma jistgħux jiġu trattati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-persuna li għandha tiġi kkuntattjata jekk tkun meħtieġa aktar informazzjoni:

Isem:

Telefon:

Indirizz elettroniku:

Informazzjoni oħra (limitazzjonijiet tal-użu tad-*data* dwar talbiet barra l-kuntest tal-proċedimenti kriminali):

Jekk jogħġbok indika n-numru tal-paġni mehmuża mal-formola ta' risposta:

Magħmul fi,

Fi

Firma u timbru uffiċjali (jekk ikun il-każ):

Isem u pożizzjoni/organizzazzjoni

Meta hu xieraq, jekk jogħġbok ehmeż lista ta' kundanni u ibgħat il-pakkett sħiħ lill-Istat Membru rikjedenti. M'huwiex meħtieġ li l-formola jew il-lista jiġu tradotti fil-lingwa tal-Istat Membru rikjedenti.